# ĠRAJJA TA' ERBA' KAPPILLANI

FR. GEOFFREY G. ATTARD

Fl-istorja tal-Knisja f'Għawdex insibu diversi każi fejn minn familja waħda, ħarġu diversi saċerdoti. Ħajjin fil-memorja kollettiva tal-poplu tagħna f'Għawdex, tissemma l-familja Zerafa tan-Nadur, il-Familja Grima magħrufa bħala Ta' Gulliermu fir-Rabat, Għawdex u l-Familja Gauci magħrufa bħala tad-Dublin ukoll mir-Rabat. Imbagħad fiż-żminijiet tagħna l-familja Curmi mix-Xagħra li tikkonsisti fi tliet aħwa li huma saċerdoti. Fl-imgħoddi, dawn il-każijiet kienu aktar spissi u wieħed jiltaqa' magħhom hu u jqalleb il-kotba tal-Istorja. Fost il-familji li taw diversi saċerdoti aktar lura fl-Istorja jissemmew l-aħwa Axiaq fundaturi tal-kolleġġjata tal-Għarb.[1]

## ARĊIPRIET GĦALL-MATRIĊI

Il-familja ta' Dun Ġwann Maria Gauci, Arċipriet tal-Matriċi, hija waħda minn dawn il-familji. Dun Ġwann Maria kien arċipriet tal-Knisja Matriċi bejn l-1807 u l-1814.[2] Ftit li xejn għandna tagħrif aktar dwaru imma ċertament li studja fis-seminarju ta' Malta ladarba Għawdex sar djoċesi fl-1864 u kien wara din id-data, li l-kandidati għas-saċerdozju f'Għawdex bdew jistudjaw fis-seminarju tagħhom.



*Dun Nikola Vella*

## TLIET KAPPILLANI GĦAX-XEWKIJA

### DUN NIKOLA VELLA

L-Arċipriet Gauci kien jiġi z-ziju ta' Dun Nikol Vella[3], li kien kappillan tax-Xewkija mill-1803 sal-1805, jiġifieri għal kważi nofs ta' seklu.[4] Nikola Vella twieled fl-Għarb Għawdex fis-17 ta' April 1765 minn Pawlu u Evanġelista Gauci.[5] Din Evanġelista kienet tiġi oħt l-Arċipriet Dun Ġwann Maria Gauci. Il-parrokkat ta' Dun Nikol jibqa' jissemma fl-Istorja għaliex kien hu li kkummissjona lil Pietru Pawl Azzopardi sabiex jiskolpixxi fl-injam l-istatwa artistika ta' San Ġwann Battista li saret fissena 1845 u li llum hija l-istatwa titulari ta' din il-parroċċa.



*Dun Pawl Grech*

### DUN PAWL GRECH

Wara l-mewt tal-Kappillan Vella, l-Isqof Monsinjur Publiju Maria Sant ħatar lil Dun Pawl Grech bħala kappillan tax-Xewkija. Dun Pawl twieled fl-Għarb Għawdex nhar it-22 ta' Frar 1788 minn Salvu u Klemenza mwielda Vella.[6] Din Klemenza kienet tiġi oħt il-Kappillan Dun Nikola Vella. Fl-1844 kien beda jaqdi l-missjoni saċerdotali tiegħu bħala vigarju kurat ta' zijuh stess. Hu kellu parrokkat qasir għaliex marad qasir il-għomor u miet f'Marzu 1854.[7]

## DUN PIETRU PAWL CIANTAR

Mill-istess familja ta' Dun Nikola Vella u Dun Pawl Grech, ħareġ Dun Pietru Pawl Ciantar. Dun Pietru Pawl twieled ix-Xewkija fis-17 ta' Ġunju 1835, wild Pawlu Ciantar u Franġiska Grech[8]. Franġiska kienet tiġi oħt il-Kappillan Dun Pawl Grech. Dun Pietru Pawl inħatar kappillan tax-Xewkija fi Frar 1865[9], inqas minn sena wara t-twaqqif tad-djoċesi l-ġdida ta' Għawdex. Kien imbagħad fl-10 ta' Frar 1893 li x-Xewkija saret arċipretali u Dun Pietru Pawl sar l-ewwel arċipriet. Hu kien allura n-neputi ta' Dun Pawl Grech, wieħed mill-kappillani li mexxew il-parroċċa tax-Xewkija qabel żmienu. Bejn il-parrokkat ta' Dun Pawl Grech u dak ta' neputih Dun Pietru Pawl Ciantar, kien hemm il-parrokkati ta' Dun Demetriju Galea mill-Għarb u dak ta' Dun Pietru Bartolo mill-Għargħur Malta.

Fi żmien l-Arċipriet Ciantar, l-Arkeologu magħruf Malti Patri Manwel Magri SJ żar ix-Xewkija u ħa notamenti fuq il-fdalijiet arkeoloġiċi li nstabu fil-post fejn aktar tard inbniet ir-Rotunda l-ġdida.[10] Kien ukoll fi żmien dan l-Arċipriet, li l-festa ta' San Ġwann Battista ma baqgħetx aktar festa tal-obbligu. Dan il-fatt nikket għall-aħħar lill-Arċipriet Ciantar. Dun Pietru Pawl Ciantar miet fit-28 ta' Frar 1908, wara li kellu jiffaċċja l-marda kiefra tad-dijabete.



*Dun Pietru Pawl Ciantar*

## KONKLUŻJONI

Hekk fil-qosor rajna kif tlieta mill-kappillani tax-Xewkija kienu qraba ta' xulxin u kif dawn kienu wkoll qraba ta' wieħed mill-arċipprieti tal-Matriċi fil-bidu tas-seklu tmintax. Jidher ċar li l-preżenza ta' saċerdot fil-familja kienet isservi ta' influwenza tajba fl-istess familja tiegħu u sservi bħala għajn ta' vokazzjonijiet ġodda. Ma jkunx sinjal ħażin jekk f'dan id-dawl, l-Istorja tirrepeti ruħha anke llum!



ARCHIPRESBYTERI
ECCLESIAE MATRICIS ATQUE
CATHEDRALIS
INSULAE GAULI
A FUNDATIONE ANTIQUA

| | ELECTUS | USQUE AD |
|---|---|---|
| RAYMUNDUS DE MANNARA | c. 1445 | 1463 |
| ANDREAS CATALANO | 22 DEC 1463 | 16 MAR 1468 |
| NICOLAUS DE GUERRERIO | c. 1468 | c. 1487 |
| PETRUS DE GUERRERIO | c. 1487 | 1506 |
| PAULUS GIRBUTINO | 1506 | 1510 |
| PETRUS DE GUERRERIO | 1510 | 20 MAR 1529 |
| DOMENICUS MANGION | CPS 1528 | 1531 |
| NICOLAUS CASTELLETTI | 18 JUN 1531 | 1553 |
| MARTIUS INGUANEZ | CPS 1552 | 1553 |
| LEONARDUS MICALLEF DE CACI | 1553 | 20 MAR 1572 |
| ANTONIUS ATTARD | CPS 30 APR 1570 | 28 JAN 1603 |
| IOANNES-MATTHEUS CIAPPARA | 1603 | 21 JUN 1621 |
| SALVATOR PONTREMOLI | 9 OCT 1621 | 8 MAI 1655 |
| IOANNES-ANTONIUS CAMILLERI | 8 MAI 1655 | 28 JUL 1679 |
| CAROLUS MAGRI | 10 FEB 1681 | 25 OCT 1693 |
| NICOLAUS-NATAL CASSIA-MAGRI | CPS 30 DEC 1692 | 16 APR 1729 |
| FRANCISCUS-ADEODATUS FORMOSA | 10 SEP 1729 | 4 SEP 1759 |
| JACOBUS GALEA | CPS 14 JUN 1746 | 20 APR 1773 |
| SAVERIUS CASSAR | 20 APR 1773 | 16 DEC 1805 |
| IOANNES-MARIA GAUCI | 1807 | 27 FEB 1814 |
| FELIX MIZZI | 21 JUN 1815 | 26 FEB 1826 |
| FORTUNATUS CUTAJAR | CPS 30 JUL 1822 | 27 NOV 1847 |
| MICHAEL-FRANCISCUS BUTTIGIEG | 15 JUL 1848 | 22 SEP 1864 |
| SEDE VACANTE | 1864 | 1871 |
| FELIX REFALO | 22 DEC 1871 | 22 MAI 1917 |
| ALFONSUS-MARIA HILI | 14 NOV 1917 | 31 DEC 1943 |
| MICHAEL CEFAI | 14 FEB 1944 | 15 MAR 1976 |
| CARMELUS SCICLUNA | 15 MAR 1976 | 11 AUG 1995 |
| JOSEPH VELLA-GAUCI | 26 MAI 1996 | 17 SEP 2007 |
| JOSEPH ATTARD | 7 DEC 2007 | 4 NOV 2016 |
| JOSEPH SULTANA | 4 NOV 2016 | |

*Arċiprieti tal-Katidral*

(Referenza)

1 Patrick Formosa, *A History of Għarb* (The Salesians of Don Bosco; Malta 2018), 66-67.
2 Joseph Bezzina, *The Gozo Cathedral. Its History and Treasures* (The Gozo Cathedral Chapter; Gozo 2017), 234.
3 Tagħrif mgħoddi lili mir-Riċerkatur u Awtur Anthony Farrugia mir-Rabat, Għawdex. Farrugia hu l-awtur ta' kotba dwar l-istatwa tal-Immakulata Kunċizzjoni fil-Knisja ta' San Franġisk (Victoria) u dik titulari ta' San Ġorġ ukoll fir-Rabat, Għawdex.
4 Serafin Borg, *Ix-Xewkija fi Ġrajjiet il-Kappillani u l-Arċiprieti Tagħha* (Progress Press; Malta 1978), 19.
5 Ibidem.
6 Ibid., 26.
7 Ibidem.
8 Ibid., 36.
9 Ibidem.
10 *Ix-Xewkija Tul iż-Żminijiet* (Orphans Press; Għawdex 1973), 12-13.